Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11092 – BLACKSTONE / CDPQ / INVENERGY / AEP RENEWABLES / AEP WIND HOLDINGS / TRENT WIND FARM / DESERT SKY WIND FARM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 133/04)

1. Fil-5 ta' April 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone Inc. ("Blackstone") (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Caisse de dépôt et placement du Québec ("CDPQ", il-Kanada),

— Invenergy IRH Holdings LLC ("Invenergy") ikkontrollata minn Invenergy Investment Company LLC ("Invenergy Group") (it-tnejn li huma l-Istati Uniti tal-Amerika),

— AEP Renewables LLC, AEP Wind Holdings LLC, Trent Wind Farm LLC, Desert Sky Windfarm LLC (kollha l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollati minn American Electricity Power Company Inc.

Blackstone, CDPQ u Invenergy se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-intier ta' AEP Renewables, AEP Wind Holdings, Trent Wind Farm u Desert Sky Wind Farm, flimkien "il-Kumpaniji fil-Mira".

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma dawn li ġejjin:

— Blackstone hija maniġer tal-assi globali,

— CDPQ huwa investitur istituzzjonali fit-tul li jamministra l-fondi tad-depożitanti tiegħu, primarjament il-pensjonijiet pubbliċi u l-pjanijiet ta' assigurazzjoni minn Québec,

— Invenergy topera n-negozju tal-enerġija rinnovabbli ta' Invenergy Group. Invenergy Group jiżviluppa, jippossjedi u jopera faċilitajiet ta' ġenerazzjoni u ħżin ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kbira u oħrajn nodfa fl-Amerika ta' Fuq, l-Amerika Latina, l-Asja u l-Ewropa,

— Il-Kumpaniji fil-Mira għandhom faċilitajiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli u assi relatati fl-Istati Uniti tal-Amerka.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11092 – BLACKSTONE / CDPQ / INVENERGY / AEP RENEWABLES / AEP WIND HOLDINGS / TRENT WIND FARM / DESERT SKY WIND FARM

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË